# Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija

16 Il-Mall, Floriana FRN 1472.  Numru tat-Telefown: 2590 6306/9


## Regolamenti għat-Transfer ta' Studenti Bniet Tas-Sitt Sena fl-iskejjel ta' St Francis 2022-2023

1. **STUDENTI BNIET TAS-SITT SENA**

2. L-istudenti **bniet** tas-sitt sena ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida jmorru s-Sekondarja ta' St Francis tas-Sliema. Dan it-transfer isir b'applikazzjoni fejn jingħataw id-dettalji tal-istudenta.

3. L-applikazzjonijiet isiru **onlajn,** mil-Ġimgħa, 22 sal- Ħamis, 28  t' Ottubru, 2021. Biex tapplika jew **agħfas hawn** jew mur knisja.mt/applications. Wara li ssir l-applikazzjoni il-ġenituri jirċievu immedjatament imejl awtomatiku bin-numru tal-applikazzjoni u d-dettalji sottomessi, u imejl oħra b'konferma tal-applikazzjoni sad-19 ta' Novembru 2021. F'każ li dan ma jseħħx mitlub tikkomunika mal-Bord fuq id-dettalji t'hawn taħt (ara paragrafu 12).

4. Għal kull applikazzjoni jsir ħlas ta' €3 sabiex jiġu koperti l' ispejjeż amministrattivi. Ikun hemm bżonn ta' VISA card sabiex issir il-pagament onlajn.

5 Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex issir l-applikazzjoni onlajn jista' jċempel fuq 2590 6306/9 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7:30 a.m u t-3:30 p.m jew l-iskola li fiha tattendi l-istudenta, B'Kara 21442205; Bormla 21665410; iMsida 21335513.

6 Kull applikazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola fejn tattendi l-istudenta.

7. Min jixtieq jattendi skola oħra tal-knisja, għandu japplika skont ir-Regolamenti tad-dħul fl-iSkejjel tal-Knisja f'Malta 2022-2023 li jiġu ppublikati lejn it-tielet ġimgħa ta' Novembru 2021.

8. **STUDENTI SUBIEN TAS-SITT SENA**

9. L-istudenti **subien** tas-sitt sena ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida jmorru fi skola sekondarja oħra tal-Knisja, sakemm ikun hemm post vakanti.

10. Dawn l-istudenti għandhom japplikaw taħt il-Kriterju Skola Bla Kontinwità skont ir-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta 2022-2023 li jiġu ppublikati lejn it-tielet ġimgħa ta' Novembru 2021.

11. Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.

12. F'każ ta' bżonn tistgħu ċċemplu fuq 2590 6306/9 jew tibgħatu imejl fuq cynthia.cassar@maltadiocese.org